# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 13 ta' Marzu, 2001**

**Numru 27**

**Citaz. numru: 277/87 NA**

**Maria Theresa Deguara Caruana Gatto mart Joseph Deguara u l-istess Joseph Deguara bhala kap tal-komunjoni ta' l-akkwisti w amministratur tal-beni parafernali ta' martu; u b'digriet tal-4 ta' April 1990 il-gudizzju baqa' fil-persuna ta' Maria Theresa Deguara Caruana Gatto biex tkompli l-kawza wahedha stante li fil-mori tal-kawza miet zewgha Joseph Deguara.**

**vs**

**Teresa Bonanno, Josephine Lauri, Mario Mifsud, Lilian Galea, Rita Refalo u Rose Attard ilkoll ahwa Mifsud u b'digriet tal-20 ta' April 1987 Dr. Joseph Azzopardi u P.L. Charles Vassallo gew nominati kuraturi biex jirrapprezentaw lill-imsiefrin Margaret Micallef, Carmelo Mifsud, Saviour Mifsud, Mary Vella, Philip Mifsud u John Mifsud ilkoll ahwa Mifsud; u b'digriet tat-13 ta' Novembru 1987,**

**Carmelo Mifsud assuma l-atti f'ismu proprju u gew mahruga mill-kawza l-Avukat Dottor Joseph Azzopardi u l-Prokuratur Legali Charles Vassallo in kwantu gew nominati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-istess Carmelo Mifsud, u b'digriet tas-16 ta' Jannar 1990 Teresa Bonanno assumiet l-atti tal-kawza f'isem il-konvenuti msefrin Margaret Micallef, Saviour Mifsud, Mary Vella, Philip Mifsud u John Mifsud u gew mahruga barra mill-kawza l-Avukat Dottor Joseph Azzopardi u l-Prokuratur Legali Charles Vassallo li kienu gew nominati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti konvenuti Margaret Micallef, Saviour Mifsud, Mary Vella, Philip Mifsud u John Mifsud;  u b'digriet tal-20 ta' Awissu 1998 il-gudizzju gie trasfuz fil-persuna ta' Jacqueline Balzan f'isimha proprju u bhala mandatarja ta' ohtha l-assenti Margaret Mifsud, Sonia Bonello, Maria Mallia u Filippa armla ta' Mario Mifsud bhala legittima rapprezentanta ta' uliedha minuri Mario u Carmelo ahwa Mifsud stante l-mewt fil-mori tal-kawza ta' Mario Mifsud.**

***Actio Reivendicatoria* - Grad ta' Prova.**

**Skond il-gurisprudenza tal-Qrati taghna min jipproponi din l-azzjoni jrid jipprova mhux biss titolu derivattiv izda titolu originali ta' akkwist.**

**Di piu' mhux bizzejjed li jipprova li l-haga ma hijiex tal-konvenut imma jehtieg li juri pozittivament li hija tieghu nnifsu, fil-waqt li l-konvenut ma ghandu ghalfejn jipprova xejn hlief il-pussess tieghu.**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attrici (dak iz-zmien flimkien ma' zewgha Joseph Deguara illi miet fil-mori tal-kawza) fit-2 ta' April 1987 illi permezz taghha l-istess attrici kienet ippremettiet:

Illi hija l-proprietarja tal-ghalqa "Ta' Bajdun" fil-limit ta' Haz-Zebbug bil-kejl ta' tlett itmiem hames sieghan u tmien kejliet, tmiss mit-Tramuntana ma' St. Mary Street, minn Nofsinhar ma' Sqaq San Gakbu u mill-Punent ma' art ta' Filippu u Giovanni "Tal-Bibli", jew l-eredi taghhom;

Illi din l-ghalqa hija posseduta mill-konvenuti minghajr ebda titolu u qed jirrifjutaw li jizgombraw minnha;

TALBET li din il-Qorti:

1. tiddikjara u tiddeciedi illi l-ghalqa "Ta' Bajdun" fil-limiti ta' Haz-Zebbug kif fuq deskritta hija proprieta' ta' l-attrici;

2. tikkundanna lill-konvenuti biex jizgombraw mill-istess ghalqa;

3. dan fit-terminu qasir u perentorju li jigi ffissat mill-Qorti.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata, il-lista tax-xhieda, l-elenku tad-dokumenti w id-dokumenti ezebiti mill-attrici;

Rat id-digriet moghti minn din il-Qorti fl-20 ta' April 1987 li permezz tieghu Dr. Joseph Azzopardi u l-Prokuratur Legali Charles Vassallo gew nominati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-imsefrin Margaret Micallef, Carmelo Mifsud, Saviour Mifsud, Mary Vella, Philip Mifsud u John Mifsud, ilkoll ahwa Mifsud.

Rat id-digriet moghti minn din il-Qorti fit-13 ta' Novembru 1987 illi permezz tieghu l-konvenut Carmelo Mifsud gie awtorizzat jassumi l-atti f'ismu proprju u gew mahruga mill-kawza l-Avukat Dottor Joseph Azzopardi u l-Prokuratur Legali Charles Vassallo in kwantu gew nominati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-istess Carmelo Mifsud.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijietipprezentata mill-konvenut Carmelo Mifsud illi eccepixxa:-

1. "Fl-ewwel lok, il-preskrizzjoni ta' tletin (30) sena a tenur ta' l-Artikolu 2248 tal-Kodici Civili;

2. Fil-meritu, illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-art *de quo* hija proprieta' ta' l-ahwa Mifsud;

3. Salv eccezzjonijiet ohra."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata w il-lista tax-xhieda tal-konvenut Carmelo Mifsud.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijietipprezentata mill-konvenuti kuraturi deputati Dr. Joseph Azzopardi u l-Prokuratur Legali Charles Vassallo illi eccepew:-

1. "Illi fl-ewwel lok l-atturi jridu jipprovaw illi huma proprietarji tal-ghalqa in kwistjoni;

2. Illi l-azzjoni hija preskritta stante li l-konvenuti ilhom jippossejdu l-ghalqa in kwistjoni *animo domini* ghal aktar minn tletin sena;

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata w il-lista tax-xhieda tal-konvenuti kuraturi deputati Dr. Joseph Azzopardi u l-Prokuratur Legali Charles Vassallo;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet ipprezentata mill-konvenuta Rose Attard illi eccepiet:

1. "Illi l-ghalqa *de quo* tappartjeni lill-aventi kawza ta' l-attrici (il-Qorti tosserva illi l-eccipjenti riedet tghid "tal-konvenuta", u mhux "ta' l-attrici"), Victor Mifsud, u in fatti dejjem kienet ritenuta bhala proprieta' ta' l-imsemmi defunt tant illi giet denunzjata fost l-assi tieghu (Denunzja Numru 1697/79);

2. Illi, bla pregudizzju ghas-suespost, in vista tad-dikjarazzjoni ta' l-istess attrici illi l-ghalqa *de quo* kienet in lokazzjoni ghand Vittorio Mifsud, ma jistghux jirnexxu t-tieni w it-tielet domanda tac-citazzjoni;

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata w il-lista tax-xhieda tal-konvenuta Rose Attard;

Rat id-digriet moghti minn din il-Qorti fid-9 ta' Dicembru 1987 illi permezz tieghu gie nominat l-Assistent Gudizzjarju Dr. Paul Micallef biex jisma' u jigbor ix-xhieda;

Rat id-digriet moghti minn din il-Qorti fis-16 ta' Jannar 1990 li permezz tieghu l-konvenuta Teresa Bonanno giet awtorizzata tassumi l-atti tal-kawza f'isem il-konvenuti msefrin Margaret Micallef, Saviour Mifsud, Mary Vella, Philip Mifsud u John Mifsud u b'hekk gew mahruga barra mill-kawza l-Avukat Dottor Joseph Azzopardi w il-Prokuratur Legali Charles Vassallo li kienu gew nominati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-imsemmija assenti konvenuti Margaret Micallef, Saviour Mifsud, Mary Vella, Philip Mifsud u John Mifsud.

Rat id-digriet moghti minn din il-Qorti fl-4 ta' April 1990 li permezz tieghu gie awtorizzat li l-gudizzju jibqa' fil-persuna ta' Maria Theresa Deguara Caruana Gatto biex tkompli l-kawza wahedha stante li fil-mori tal-kawza kien miet zewgha Joseph Deguara.

Rat in-nota ta' l-Assistent Gudizzjarju Dr. Paul Micallef a fol. 65 tal-process li permezz taghha huwa nforma lil din il-Qorti li l-provi kienu ngabru kollha w il-kawza setghet tithalla ghat-trattazzjoni.

Rat in-nota ta' osservazzjonijietipprezentata mill-attrici fis-16 ta' Dicembru 1991 a fol. 67 sa 74 tal-process.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ipprezentata mill-konvenuta Rose Attard fid-19 ta' Dicembru 1991 a fol. 76 sa 81 tal-process.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ipprezentata mill-konvenuta Teresa Bonanno proprio et nomine fl-24 ta' Frar 1992 a fol. 87 u 88 tal-process.

Rat id-digriet moghti minn din il-Qorti fit-23 ta' Novembru 1992 illi permezz tieghu gie sospiz il-prolazzjoni tas-sentenza billi din il-Qorti dehrilha illi f'din il-kawza kien hemm htiega ta' provi ulterjuri qabel ma din il-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza.

Rat illi permezz ta' l-istess digriet tat-23 ta' Novembru 1992 l-attrici giet ordnata sabiex tesebixxi fl-atti tal-kawza l-kuntratt

ta' divizjoni ossia estratt minnu li jkun iffirmat minn Nutar kif ukoll arblu genejalogiku ta' Victorio sive Victor Mifsud li allegatament kellu ghandu bi qbiela l-art *de quo*.

Rat id-digriet moghti minn din il-Qorti fit-23 ta' Novembru 1992 li permezz tieghu gie nominat l-A.I.C. Victor Torpiano bhala Perit Tekniku bl-inkarigu specifiku li jezamina l-kuntratt li kellu, skond l-istess digriet, jigi pprezentat mill-attrici u sabiex jirrelata dwar jekk l-art pretiza mill-attrici hijiex l-istess art posseduta mill-konvenuti.

Rat il-kopja legali ta' l-estratt mill-kuntratt tad-divizjoni fl-atti tan-Nutar Edoardo Calleja Schembri tal-4 ta' Jannar 1937 ipprezentat mill-attrici in ottemporanza mad-digriet moghti minn din il-Qorti fit-23 ta' Novembru 1992 (a fol. 94 sa 97 tal-process).

Rat l-arblu geneologiku 1937 ipprezentat mill-attrici in ottemporanza mad-digriet moghti minn din il-Qorti fit-23 ta' Novembru 1992 (a fol. 100 tal-process).

Rat ir-rapport tal-Perit Tekniku A.I.C. Victor Torpiano li gie mahluf fl-udjenza tat-12 ta' Dicembru 1994, liema rapport jinsab a fol. 109 sa 121 tal-process;

Rat in-nota pprezentata mill-attrici fit-12 ta' Dicembru 1994 illi permezz taghha hija talbet in-nomina ta' periti addizzjonali;

Rat id-digriet moghti minn din il-Qorti fid-9 ta' Jannar 1995 illi permezz tieghu gew nominati l-A.I.C. Michael A. Refalo, A.I.C. Albert Borg Costanzi u A.I.C. Rene' Buttigieg bhala Periti Addizzjonali.

Rat ir-rapport tal-Periti Addizzjonali A.I.C. Michael A. Refalo, A.I.C. Albert Borg Costanzi u A.I.C. Rene' Buttigieg li gie mahluf fl-udjenza tat-12 ta' Frar, 1995, liema rapport jinsab a fol. 133 sa 148 tal-process;

Rat id-digriet moghti minn din il-Qorti fl-20 ta' Awissu 1998 li permezz tieghu l-gudizzju gie trasfuz fil-persuna ta' Jacqueline Balzan f'isimha proprju u bhala mandatarja t'ohtha l-assenti Margaret Mifsud, Sonia Bonello, Maria Mallia u Filippa armla ta' Mario Mifsud bhala legittima rapprezentanti

ta' uliedha minuri Mario u Carmelo, ahwa Mifsud stante l-mewt fil-mori tal-kawza tal-konvenut Mario Mifsud;

Rat in-nota pprezentata mill-attrici fis-26 ta' Ottubru 1998, a fol. 199 sa 218 tal-process, illi permezz taghha hija pprezentat numru ta' dokumenti, u cioe' fotokopja minn ktieb miktub mill-Professur Godfrey Wettinger dwar il-*place-names* ta' Malta u Ghawdex, ricerki ta' trasferimenti ta' Mario (sive Marozzo) Mifsud, missier Vittorio, u ta' l-istess Vittorio Mifsud, fotokopja ta' ittra tal-15 ta' Jannar 1987 mibghutha minn Dr. Henry Antoncich lill-attur Joseph Deguara u fotokopja ta' registru mizmum mill-Mons. Roberto Caruana Gatto;

Rat l-oggezzjoni tal-konvenuti ghall-prezentata ta' dawn id-dokumenti f'dan l-istadju tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar din il-kwistjoni;

Rat il-provvediment moghti minn din il-Qorti fil-15 ta' Settembru 1999 illi permezz taghha din il-Qorti ddegretat illi d-dokumenti fuq imsemmija ezibiti mill-attrici a fol. 199 sa 218 tal-process ma kienux ammissibbli;

Semghet ix-xhieda, rat id-dokumenti w il-provi kollha prodotti, semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:-

Illi l-kawza istitwita mill-attrici tikkostitwixxi *actio rei vendicatoria* tant illi l-ewwel talba ta' l-istess attrici hija sabiex din il-Qorti tiddikjara illi l-ghalqa "Ta' Bajdun" fil-limiti ta' Haz-Zebbugi hija proprieta' taghha. Il-konvenuti jeccepixxu illi fl-ewwel lok l-attrici ghandha tipprova t-titolu taghha fuq l-ghalqa *de quo* u certament illi l-oneru tal-prova jinkombi fuq l-attrici biex tipprova ghas-sodisfazzjon tal-Qorti u sal-grad li trid il-ligi illi effettivament hija kienet il-proprietarja tal-ghalqa in kwistjoni li kienet posseduta u mahduma mill-konvenuti.

Illi l-provi prodotti mill-attrici jikkonsistu principalment fi provi dokumentarji u kif ukoll fix-xhieda ta' zewgha Joseph Deguara, binha Henry Deguara u Anthony Borg, rapprezentant tad-Dipartiment ta' l-Agrikoltura. Joseph Deguara jispjega l-provenjenza tat-titolu ta' l-attrici bil-mod segwenti – l-ghalqa *de quo* kienet tappartjeni lil Maria armla tal-Kavallier Nicodemo Gandolfo Caruana Gatto u tinsab indikata u deskritta bhala proprjeta' taghha fl-inventarju

ppubblikat minn Nutar Dr. Paul Pullicino fis-6 ta' Gunju 1953 (anness bhala Dokument "A" mac-citazzjoni promotrici a fol. 5 u 6 tal-process); din l-ghalqa kienet giet ghand l-imsemmija Maria Gandolfo Caruana Gatto permezz ta' att ta' divizjoni pubblikat minn Nutar Eduardo Calleja Schembri fl-4 ta' Jannar, 1937 (esebit a fol. 94 sa 97 tal-process); b'testment sigriet tat-8 ta' Settembru 1950 (anness bhala Dokument "B" mac-citazzjoni promotrici a fol. 7 tal-process) l-imsemmija Maria Gandolfo Caruana Gatto nnominat bhala eredi universali taghha lill-attrici illi b'hekk wirtet ukoll din l-art "Ta' Bajdun". Jirrizulta wkoll mill-provi prodotti mill-attrici illi din l-ghalqa giet denunzjata fis-successjoni ta' l-imsemmija Maria Gandolfo Caruana Gatto.

Ix-xhud Joseph Deguara spjega wkoll illi originarjament l-amministratur ta' l-artijiet kien il-Markiz Paul Apap Bologna, missier l-attrici, imbaghad l-art kienet giet amministrata mill-Avukati Joseph Henry Reynaud u Joseph Mary Vella, li kienu nhatru bhala ezekuturi testamentarji minn Maria Gandolfo Caruana Gatto u sussegwentement l-amministrazzjoni waqghet f'idejn Sander Apap Bologna, hu l-attrici, illi baqa' jamministra sal-1974. Ghal xi zmien l-amministrazzjoni kienet waqghet ukoll f'idejn il-Monsinjur Roberto Caruana Gatto illi

kien johrog xi ricevuti. Ix-xhud Henry Deguara jikkorrobora din ix-xhieda.

Ix-xhud Joseph Deguara jispjega wkoll illi ma kienitx inghatat rendikont ta' l-amministrazzjoni taghhom mill-Avukati Joseph Henry Reynaud u Joseph Mary Vella, tant illi kienu gew istitwiti proceduri gudizzjarji f'dan ir-rigward (ghalkemm dwar dan ma ngabet ebda prova) filwaqt illi lanqas Sander Apap Bologna ma ghadda ebda dokumentazzjoni lill-attrici jew lil zewgha, l-imsemmi Joseph Deguara. Huwa jispjega oltre illi mill-pitazz ta' ricevuti illi kien izomm il-Monsinjur Robert Caruana Gatto kien hemm notament ta' ricevuta ghas-somma ta' sitt liri u nofs fis-sena mahruga lil V. Mifsud ta' 58, St. Mary Street, Zebbug ghall-qbiela li ghalqet fil-15 ta' Awissu 1939 fir-rigward tal-ghalqa "Ta' Bajdun" f'Haz-Zebbug, kopja ta' liema tinsab annessa bhala Dokument "PM4" max-xhieda ta' l-imsemmi Joseph Deguara moghtija quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Paul Micallef fis-seduta tat-28 ta' Lulju 1988. L-istess Joseph Deguara, dak iz-zmien attur flimkien ma' martu fil-kawza odjerna, fl-istess seduta esebixxa bhala Dokument "PM2" *statement of accounts* redatt mill-Markiz Paul Apap Bologna in rigward tal-perjodu mill-ewwel ta' Lulju sal-ahhar ta' Dicembru tas-sena 1946, u dan riferibbilment

ghall-amministrazzjoni tal-proprieta' ta' Maria Gandolfo Caruana Gatto, l-allegata awtrici ta' l-atturi. F'dan li *statement of account* hemm registrat hlas ta' sitt liri u nofs fit-22 ta' Settembru 1946 effettwat minn "*Vittorio Mifsud for one year's rent due on the 15th August 1946*". Joseph Deguara esebixxa wkoll fl-istess seduta bhala Dokument "PM4" lista tal-proprieta' ta' Maria Gandolfo Caruana Gatto illi kienu kkonsenjaw l-ezekuturi testamentarji l-Avukati Joseph Henry Reynaud u Joseph Mary Vella, f'liema lista taffigura wkoll l-ghalqa "Ta' Bajdun" f'Haz-Zebbug.

Ix-xhud Henry Deguara, iben l-atturi, jispjega illi ghall-habta tas-sena 1982 huwa beda jinvolvi ruhu fl-amministrazzjoni tal-beni ta' ommu u kien gab xi nformazzjoni mill-Ghammieri dwar din l-ghalqa in kwistjoni w anke kiteb lil Vittorio Mifsud li sadanittant kien miet u finalment tnejn mill-ulied ta' Vittorio Mifsud kienu ltaqghu mieghu u ma' missieru Joseph Deguara fl-ufficcju taghhom il-Belt izda cahdu li kellhom ihallsu xi qbiela u sostnew illi l-ghalqa *de quo* kienet proprieta' taghhom u cioe' tal-familja taghhom.

Xhud iehor prodott mill-attrici kien Anthony Borg, rapprezentant tad-Dipartiment ta' l-Agrikoltura illi spjega li mir-

*records* tad-Dipartiment, illi ilhom jinzammu mill-1945, jirrizulta illi din l-ghalqa "Ta' Bajdun" kienet registrata fl-1 ta' Frar 1945 fuq isem Vittorio Mifsud ta' 46, Triq Mamo, Zebbug, u bhala sid kien indikat il-Markiz Apap Bologna. Imbaghad din l-art kienet giet registrata f'isem Mario Mifsud fit-2 ta' Frar 1976 u bhala sid kien indikat "Parish Church - Haz-Zebbug"; sussegwentement din l-art giet registrata f'isem Philip Bonanno fit-12 ta' Novembru 1976, imbaghad daret fuq isem Teresa Bonanno fl-10 ta' Gunju 1985 u finalment daret fuq isem Emanuel Bonanno fid-19 ta' Awissu 1998, u f'kull okkazzjoni fir-rigward tal-proprietarju din l-ghalqa giet indikata bhala "church property". Anthony Borg xehed illi mir-*records* ma jirrizultax kif bhala proprieta' ma baqghex tghajjat lill-Markiz Apap Bologna u bdiet tghajjat lill-Knisja u qal li d-Dipartiment li jkun interessat mhux fil-proprietarju tal-ghalqa izda min ikun il-bidwi li jkun qed jahdimha. Xehed ukoll illi fil-konfront ta' Vittorio Mifsud kien hemm indirizz iehor, u cioe' 85, St. Mary Street, Zebbug li gie ngassat u minfloku tnizzel l-indirizz ta' Mamo Street, Zebbug. Qal ukoll illi Vittorio Mifsud ma kienx iffirma izda ghamel il-marka tieghu. Anthony Borg esebixxa wkoll fotokopja ta' pjanta mehuda mill-pjanti tad-Dipartiment ta' l-Agrikoltura li tindika l-ghalqa in kwistjoni mlaqqma "Ta' Bajdun", liema pjanta giet indikata bhala

Dokument "A1" u annessa max-xhieda moghtija quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Paul Micallef fis-seduta tal-21 ta' Novembru 1988.

Illi essenzjalment dawn huma l-korp tal-provi prodotti mill-attrici in sostenn tat-talba taghha biex tigi dikjarata proprietarja tal-ghalqa in kwistjoni. Da parti taghhom, ghall-konvenuti xehdu l-istess konvenuti Mario Mifsud, Teresa Bonano, Rita Refalo u Lilian Galea li sostnew illi missierhom dejjem kien ighid illi din l-ghalqa kienet tieghu, a differenza ta' ghelieqi ohrajn illi huwa kien jiddetjeni u jahdem b'titolu ta' qbiela, u li huma qatt ma jafuh ihallas ebda qbiela lil hadd in rigward ta' din l-ghalqa. Il-konvenuti pprezentaw id-denunzja ta' missierhom Vittorio Mifsud fis-seduta tat-23 ta' Ottubru 1989 quddiem l-Assistent Gudizzjarju, minn fejn jirrizulta illi din l-ghalqa kienet giet denunzjata, u pprezentaw ukoll it-testment ta' l-istess missierhom Vittorio Mifsud pubblikat fit-2 ta' Lulju 1970 in atti Nutar Philip Saliba fejn hemm stipulat illi "*ghal kull fini t-testaturi jiddikjaraw li huma jippossjedu d-dar fejn joqghodu ... u l-ghalqa fi Triq il-Mithan "Ta' Srina" ossia Mdina Road tal-kejl circa erba' tomniet li tinhadem mit-testatur u l-familja tieghu.*" Il-konvenuti sostnew ukoll illi missierhom kien jaf jiffirma ismu u kunjomu u in sostenn ta' dan fl-istess

seduta pprezentaw kopja ta' "Deed of Apprenticeship" ta' Carmel Mifsud datat it-8 ta' Novembru 1955 iffirmat minn Vittorio Mifsud bhala "*parent, guardian or next friend*" ta' l-istess Carmel Mifsud. F'dan ir-rigward pero' din il-Qorti tosserva illi ma tistax tiddubita mill-awtenticita' ta' l-*entry* illi tezisti fir-*records* tad-Dipartiment ta' l-Agrikoltura tal-1 ta' Frar 1945 u li jaghmel riferenza ghaliha r-rapprezentant tad-Dipartiment ta' l-Agrikoltura Anthony Borg fejn Vittorio Mifsud ma ffirmax izda ghamel sinjal, u dan ghaliex ma kenitx xi haga in komuni illi persuni illi l-istruzzjoni taghhom kienet tasal biss biex jiktbu isimhom u kunjomhom xi drabi kienu jhossuhom in grad u kapaci li jiktbu isimhom u drabi ohra le, u, fil-kaz odjern, il-Qorti taghmel riferenza ghat-testment ta' l-imsemmi Vittorio Mifsud, esebit mill-konvenuti (supra) li fih gie dikjarat mill-imsemmi Vittorio Mifsud illi huwa ma jiktibx ismu.

Il-Qorti taghmel riferenza ghar-rapport tal-A.I.C. Victor Torpiano illi b'digriet tat-23 ta' Novembru 1992 kien gie nominat bhala Perit Tekniku bl-inkarigu specifiku illi jezamina l-kuntratt ta' divizjoni iskritt fl-atti tan-Nutar Eduardo Calleja Schembri tal-4 ta' Jannar 1937 u sabiex jirrelata dwar jekk l-art pretiza mill-attrici hijiex l-istess art posseduta mill-konvenuti. In dizimpenju ta' l-inkarigu tieghu, il-Perit Tekniku

zamm zewg accessi u seduta w ipprepara tlett pjanti ta' l-inhawi nkluza l-ghalqa in kwistjoni. Il-Perit Tekniku jirrelata illi skond il-kuntratt ta' divizjoni fuq imsemmi l-awtrici ta' l-atturi, Maria Gandolfo Caruana Gatto, kienet giet assenjata, *inter alia*, "*ghalqa tal-Baidun fil-kontrada ta' San Martin, limiti ta' Haz-Zebbug, ta' tlett itmiem, hames sieghan u tmien kejliet [ekwivalenti ghal 4,458.85 metru kwadru] konfinanti mill-Punent ma' beni ta' Giovanni u Filippu tal-Bilbli, mit-Tramuntana ma' Strada Baidun u minn Nofsinhar ma' Sqaq San Gakbu ...*". L-ghalqa ndikata minn Henry Deguara, iben l-attrici, fuq l-ewwel pjanta, liema pjanta tinkludi fotokopja tas-*survey sheet* antika numru 89 u l-marka "X" li saret mix-xhud Henry Deguara waqt l-ewwel access, ghandha kejl superficjali ta' circa 5,586 metru kwadru, sostanzjalment izjed mill-kejl indikat fl-imsemmi kuntratt ta' divizjoni, u oltre dan l-irjihat ossija l-konfini tal-ghalqa ma jikkoincidux ma' dawk indikati fl-imsemmi kuntratt ta' divizjoni.

Il-Perit Tekniku fir-rapport tieghu osserva wkoll illi fl-inventarju pubblikat minn Nutar Paul Pullicino fis-6 ta' Gunju 1953 (supra) l-ghalqa hija deskritta bl-istess laqam u kejl u irjihat hlief li hija ndikata li tmiss "*mit-Tramuntana ma' St. Mary Street*" minflok ma' "Strada Baidun" kif indikat fil-kuntratt ta'

divizjoni u li meta wiehed jara l-pjanta li tinkludi fotokopja tas-*survey sheet* numru 4870 ta' l-Edizzjoni 1974, il-kejl ukoll ma kienx jaqbel ma' dak indikat fil-kuntratt ta' divizjoni. Il-Perit Tekniku ghalhekk wasal ghall-konkluzzjoni illi l-art imsemmija u deskritta fl-imsemmi kuntratt ta' divizjoni iskritt fl-atti tan-Nutar Eduardo Calleja Schembri tal-4 ta' Jannar 1937 ma kenitx l-istess art murija lilu minn Henry Deguara, bin l-attrici, waqt l-access.

Il-Qorti taghmel riferenza wkoll ghar-rapport tal-Periti Addizzjonali A.I.C. Michael A. Refalo, A.I.C. Albert Borg Costanzi u A.I.C. Rene' Buttigieg nominati minn din il-Qorti b'digriet tad-9 ta' Jannar 1995 fuq talba ta' l-attrici illi hassitha aggravata bir-rapport tal-Perit Tekniku A.I.C. Victor Torpiano. Il-Periti Addizzjonali, minbarra illi ghamlu riferenza ghad-deskrizzjoni ta' l-art *de quo* fil-kuntratt ta' divizjoni iskritt fl-atti tan-Nutar Eduardo Calleja Schembri tal-4 ta' Jannar 1937 u fl-inventarju pubblikat minn Nutar Paul Pullicino fis-6 ta' Gunju 1953, ghamlu riferenza wkoll ghad-deskrizzjoni ta' l-art *de quo* kif indikata fil-paragrafu 117 ta' kuntratt ta' divizjoni originali pubblikat minn Nutar Eduardo Calleja Schembri tal-4 ta' Jannar 1937 u li gie esebit bhala Dokument "P1" mill-attur Joseph Deguara fis-seduta tal-14 ta' Jannar 1988 quddiem l-

Assistent Gudizzjarju Dr. Paul Micallef, fejn l-ghalqa *de quo* hija deskritta bhala "*la clausura denominata "tal-Baidun" in contrada "ta' San Martin", limiti di C. Zebbug, consiste in un sol appezzamento di terreno di capacita' superficiale di Tli.3.5.8 e contiene una cisterna di acqua piovana ...; Questa clausura ha per confini a Ponente beni dei fratelli Filippo e Giovanni agniominati "tal-Bilbli", a Tramontana Strada Baidun che conduce a Valetta a Levante beni di Giuseppe Micallef e mezzodi vicolo San Giacomo.*" Il-Periti Addizzjonali kkonkludew illi ma setghux jaslu ghall-konkluzzjoni illi l-ghalqa pretiza mill-attrici kienet dik indikata fil-kuntratt ta' divizjoni fuq imsemmi stante illi l-kejl ivarja, l-irjihat fuq it-Tramuntana u Mezzodi ndikati fil-kuntratt ta' divizjoni in kwistjoni mhumiex dawk tal-ghalqa *de quo* li lanqas ma fiha bir kif indikat fl-imsemmi kuntratt ta' divizjoni.

Illi din il-Qorti, wara li ezaminat fid-dettall il-provi kollha mressqa quddiemha, sejra tghaddi issa biex tezamina l-punti ta' dritt illi jehtieg illi jigu decizi. M'hemm l-ebda dubju illi l-azzjoni principali intentata mill-attrici hija l-*actio rei vendicatoria* illi permezz taghha l-attrici talbet lil din il-Qorti biex tiddikjara u tiddeciedi illi l-ghalqa "Ta' Baidun" fil-limiti ta' Haz-Zebbug posseduta mill-konvenuti hija proprieta' taghha.

Illi tajjeb josservaw il-konvenuti illi sabiex tirnexxi din l-azzjoni l-attrici ghandha mhux biss tipprova titolu derivattiv izda titolu originali ta' akkwist, u dan anke ghar-raguni illi kif gie osservat fis-sentenza "G. Abela vs J. Zammit" moghtija fis-16 ta' Mejju 1962 (Kollazz.  XLVI; ii; 619) fil-ligi ma tezisti ebda prezunzjoni, assoluta o meno, illi min ibiegh xi haga bilfors illi huwa l-proprietarju ta' dik il-haga li jkun biegh.  Il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fis-17 ta' Novembru, 1958 fil-kawza fl-ismijiet "Giuseppe Buhagiar vs Giuseppe Borg et" illi fiha gie pronuncjat kif gej -

> "*Kif huwa maghruf, l-attur fl-azzjoni rivendikatorja jrid jipprova d-dominju, ossija l-proprjeta' fih, tal-haga li jrid jirrivendika.  Mhux bizzejjed li l-haga mhix tal-konvenut, imma jehtieg li juri pozittivament li hi tieghu nnifsu - "melior est conditio posidentis" ...  Dik il-prova li hi ezatta mir-rivendikant hemm bzonn li tkun kompleta u konkluzziva, b'mod li kif intqal fis-sentenza "Fenech vs Debono" (P.A. 14/03/1935, Kollazz.  XXIX;ii;488) kwalunkwe dubju, anke l-icken, ghandu jmur favur il-possessur konvenut.*"

Illi fl-istess vena giet deciza l-kawza fl-ismijiet "Carmelo Mercieca vs Emmanuele Sant" (Appell Civili, 6 ta' Lulju 1968) u l-Qrati nostrani sahansitra enuncjaw illi anke jekk il-Qorti ma tkunx affattu sodisfatta mid-dritt tal-konvenut, xorta wahda ghandha tilliberah jekk ir-rivendikant ma jaghtix prova tat-titolu

tieghu ezenti minn kull dubju, kif ritenut fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Civili) fis-7 ta' Ottubru 1980 fil-kawza fl-ismijiet "Wisq Rev. Kan. G. Cassar noe vs Emm. Barbara et".

Illi ghalhekk, fin-nuqqas ta' prova kompleta u konklussiva da parti tar-rivendikant, il-possessur konvenut m'ghandu ghalfejn jipprova xejn hlief il-pussess tieghu u jistrieh fuq il-principju "*possideo qua possideo"*. Fil-kaz odjern, l-attrici ma rnexxilhiex il tipprova titolu originali ta' akkwist, ghax kif jirrizulta mill-istess rapport kemm tal-Perit Tekniku u kif ukoll tal-Periti Addizzjonali ma rrizultax illi l-ghalqa illi hija qieghdha tippretendi li hija taghha hija l-istess ghalqa kif deskritta fil-kuntratt ta' divizjoni pubblikat minn Nutar Eduardo Calleja Schembri tal-4 ta' Jannar 1937. Mill-banda l-ohra, il-konvenuti, anke jekk bl-ebda mod ma rnexxielhom jipprovaw it-titolu taghhom fuq l-ghalqa *de quo*, irnexxielhom jippruvaw minghajr ebda ombra ta' dubju, il-pussess taghhom tal-ghalqa in kwistjoni, u din il-prova wahedha, fl-assenza ta' provi cari, kompleti u konklussivi da parti ta' l-attrici rivendikanti illi juru illi effettivament hija l-proprietarja tal-ghalqa illi qed tintenta li tirrivendika, huwa sufficjenti biex l-istes konvenuti jigu liberati fil-konfront ta' l-istess attrici rivendikanti.

Il-Qorti thoss illi trid f'dan l-istadju tiddikjara illi nonostante l-access minnha maghmul u l-osservazzjonijiet li gew lilha maghmulha matul dana l-access partikolarment fir-rigward tal-bir il-provi f'din il-kawza kienu principalment, jekk mhux unikament, ta' natura teknika. F'dan ir-rigward il-Qorti ghandha l-parir moghti mhux biss mill-Perit Tekniku originali pero' parir ikkonfermat ukoll minn dawk perizjuri. Fil-fehma taghha ma ngabux ragunijiet sufficjenti validi mill-attrici l-ghala hija ghandha tmur kontra din il-prova teknika.

> "*Il-Qorti trid tghid mill-ewwel illi sakemm ma jigux indikati oggezzjonijiet gravi u serji ta' piz tali li jinducuha li tissostitwixxi l-gudizzju taghha ghal dak ta' tekniku, dan ma taghmlux.*" (Qorti ta' l-Appell - Sede Inferjuri - "Bonett vs Lewis" - 1/3/94).

Illi l-konvenuti jargumentaw illi di piu' huma akkwistaw l-ghalqa *de quo* bil-preskrizzjoni trentennali ai termini ta' l-Artikolu 2107 (1) tal-Kodici Civili stante illi rnexxielhom jippruvaw illi huma ppossedew l-ghalqa *de quo animo domini* ghall-perjodu ta' izjed minn tletin sena u li l-pussess ta' din l-ghalqa matul dan iz-zmien kollu kien kontinwu, mhux interrott, pacifiku, pubbliku u mhux ekwivoku. F'dan ir-rigward, il-Qorti tosserva illi fix-xhieda taghhom il-konvenuti kollha xehdu illi missierhom Vittorio Mifsud minn dejjem kien ighid illi din l-ghalqa kienet tieghu, gie registrat fit-testment ta' l-istess

Vittorio Mifsud illi huwa kellu pussess ta' din l-ghalqa, u l-istess ghalqa giet denunzjata ghall-finijiet tat-taxxa tas-successjoni meta miet l-imsemmi Vittorio Mifsud, l-ante kawza tal-konvenuti. Oltre dan l-attrici ma gabet ebda prova illi hija nterrompiet b'xi mod il-preskrizzjoni akkwizittiva tal-konvenuti u meta ftit zmien qabel infethet din il-kawza l-attrici tramite zewgha u binha illi kienu qed jamministraw il-beni taghha kienu nterpellaw lill-konvenuti ghall-hlas tal-qbiela dawn mill-ewwel irribattew, kif jirrizulta mix-xhieda ta' l-istess Joseph u Henry Deguara, ir-ragel ta' l-attrici u binha rispettivament, illi l-ghalqa kienet tal-familja taghhom u li edba qbiela ma kien dovut lil hadd.

Jinghad f'dan ir-rigward illi anke jekk il-provi prodotti mill-attrici kellhom jigu accettati l-ahhar qbiela li thallset (skond ir-registru ta' l-istess attrici) kienet f'Settembru tal-1946 filwaqt illi l-kawza odjerna giet proposta fit-2 ta' April 1987 aktar minn erbghin (40) sena wara d-data ta' din ir-ricevuta.

Illi ghaldaqstant din il-Qorti hija sodisfatta wkoll illi l-ghalqa in kwistjoni ghaddiet favur il-konvenuti pussessuri bis-sahha tal-preskrizzjoni trentennali ai terminu ta' l-Artikolu 2107 (1) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi, fir-rigward tat-tieni w it-tielet talba attrici (li, fir-realta', jikkonsistu f'talba wahda biss li stranament giet diviza f'zewg talbiet), tali talbiet isegwu mill-ewwel talba, u, ladarba l-ewwel talba, ghar-ragunijiet fuq premessi, ma tistax tigi akkolta, lanqas ma jistghu jigu akkolti dawn it-talbiet.  Oltre dan, din il-Qorti tosserva illi anke kieku l-attrici rnexxiet bl-azzjoni taghha illi tirrivendika l-ghalqa *de quo*, la darba *ex admissis* l-attrici stess kienet qed tiddikjara illi l-konvenuti kellhom titolu lokatizju fuq l-ghalqa in kwistjoni t-talba ghall-izgumbrament xorta wahda ma setghetx tigi akkolta almenu f'dan l-istadju salv id-dritt ta' l-istess attrici li f'dak il-kaz setghet tiehu dawk il-proceduri partikolari ghall-fini ta' tali zgumbrament.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qieghdha taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tichad it-talbiet kollha attrici u tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti bl-ispejjez kollha kontra l-istess attrici.

**ONOR. IMHALLEF NOEL V. ARRIGO LL.D.**

Deputat Registratur rf.